

REGOLAMENT TA' DELEGA TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 501/2014**tal-11 ta' Marzu 2014**

li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 826/2008 fir-rigward ta' ċertu rekwiżiti relatati mal-prodotti agrikoli li jgawdu għajnuna għall-ħżin privat

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/01 u (KE) Nru 1234/2007 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 19(1) u (4)(a) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 826/2008 ⁽²⁾ jipprovdi regoli komuni biex tingħata għajnuna għall-ħżin privat għal ċertu prodotti agrikoli. Il-prodotti eliġibbli għal għajnuna għall-ħżin privat tniżżlu fl-Artikoli 28 u 31 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 ⁽³⁾.
- (2) Mill-1 ta' Jannar 2014, ir-Regolament (KE) Nru 1234/2007 tħassar u nbidel bir-Regolament (UE) Nru 1308/2013. It-Taqsim 3 tal-Kapitolu I tat-Titolu I tal-Parti II tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 fiha dispożizzjonijiet dwar l-għajnuna għall-ħżin privat.
- (3) L-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 iniżżel il-prodotti eliġibbli għal għajnuna għall-ħżin privat. Meta mqabbel mal-prodotti msemmija fl-Artikoli 28 u 31 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, l-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 fih tliet prodotti iżjed, jiġifieri l-fibra tal-kittien, il-ġobon b'denominazzjoni protetta tal-oriġini (DPO) jew indikazzjoni ġeografika protetta (IĠP), u t-trab tal-ħalib xkumat mill-ħalib tal-baqra.
- (4) Skont l-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, għajnuna għall-ħżin privat tista' tingħata jekk il-prodotti kkonċernati jkun jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fit-Taqsim 3 tal-Kapitolu I tat-Titolu I tal-Parti II ta' dak ir-Regolament u r-rekwiżiti addizzjonali dwar il-kwalità u l-karatteristiċi tal-prodott li trid tadotta l-Kummissjoni.
- (5) Il-kundizzjonijiet tal-eliġibbiltà għall-butir stabbiliti fl-Artikolu 17(e) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 inbidlu meta mqabblin ma' daww previsti fir-Regolament (KE) Nru 1234/2007.
- (6) Dispożizzjonijiet dwar il-kwalità u l-karatteristiċi tal-prodott u kriterji tal-eliġibbiltà diġà jeżistu fir-Regolament (KE) Nru 826/2008 għal prodotti eliġibbli għal għajnuna għall-ħżin privat skont l-Artikoli 28 u 31 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.
- (7) Jixraq li jiġu adottati r-rekwiżiti tal-kwalità u l-kriterji tal-eliġibbiltà dwar il-kwantitajiet għall-fibra tal-kittien, għat-trab tal-ħalib xkumat u għall-ġobon b'DPO b'IĠP, sabiex daww għall-butir jiġu adattati u jiddaħħlu fir-Regolament (KE) Nru 826/2008.

⁽¹⁾ ĠUL 347, 20.12.2013, p. 671.

⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 826/2008 tal-20 ta' Awwissu 2008 li jipprovdi regoli komuni għall-għotja ta' għajnuna għall-ħażna privata ta' ċerti prodotti agrikoli (ĠUL 223, 21.8.2008, p. 3).

⁽³⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) (ĠUL 299, 16.11.2007, p. 1).

- (8) L-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 stabbilixxa l-kriterji li għandhom jitqiesu fid-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tagħti għajjnuna għall-ħżin privat. Dawn il-kriterji jinkludu l-prezzijiet tas-suq tal-Unjoni medji rreġistrati u l-limiti ta' referenza u l-ispejjeż tal-produzzjoni għall-prodotti kkonċernati kif ukoll il-ħtieġa li tirrispondi fil-ħin għal sitwazzjoni tas-suq partikolarment diffiċli jew għal żviluppi ekonomiċi b'impatt negattiv sinifikanti fuq il-marġnijiet fis-settur.
- (9) L-Artikoli 3 u 5 tar-Regolament (KE) Nru 826/2008 jipprovdu li d-deċiżjoni li tingħata għajjnuna għall-ħżin privat għaz-zokkor abjad u, rispettivament, għaċ-ċanga tista' tittieħed skont il-prezzijiet tal-Unjoni medji rreġistrati. Dawk l-Artikoli huma bbażati fuq ir-Regolament (KE) Nru 1234/2007 li issa tħassar u nbidel bir-Regolament (UE) Nru 1308/2013. Għalhekk jixraq li jitneħħew l-Artikoli 3 u 5 tar-Regolament (KE) Nru 826/2008.
- (10) Il-kwantità maħżuna waqt il-perjodu tal-ħżin miftiehem għandha tkun daqs il-kwantità fil-kuntratt. Madankollu, għall-finijiet tal-Artikoli 15, 18 u 34 tar-Regolament (KE) Nru 826/2008, jista' jitħalla marġni ta' tolleranza dwar il-kwantità għal ċertu prodotti eliġibbli għal għajjnuna għall-ħżin privat. Minħabba l-karatteristiċi tal-prodotti, tolleranza bħal din għandha tiġi ffixxata wkoll għat-trab tal-ħalib xkumat f'boroż kbar u għall-fibra twila tal-kittien.
- (11) Fejn jidħlu l-karatteristiċi tal-kwalità li jridu jiġu stabbiliti għall-fibra tal-kittien, il-fibra twila tal-kittien titqies prodott ta' kwalità għolja li għandha tkun eliġibbli għal għajjnuna għall-ħżin privat.
- (12) Billi l-produzzjoni tal-butir ma għadx hemm bżonn li ssir f'impriża approvata, id-dispożizzjonijiet li jiċċertifikaw il-konformità mar-rekwiżiti speċifiċi tal-orijini f'każ ta' ħażna fi Stat Membru ieħor li mhux dak tal-produzzjoni tal-butir, kif stipulati fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 826/2008, ma għadhomx aktar applikabbli. Għandhom jiġu stabbiliti regoli ġodda simplifikati għal prova li butir maħżun jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikoli 9 u 17(e) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013. L-istess regoli għandhom japplikaw ukoll għat-trab tal-ħalib xkumat.
- (13) Ir-Regolament (KE) Nru 826/2008 għandu jiġi emendat skont dan,

ADOPTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 826/2008 huwa emendat kif ġej:

- (1) Fl-Artikolu 2, il-paragrafu 2 jinbidel b'dan li ġej:

"2. Il-butir u t-trab tal-ħalib xkumat għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti addizzjonali stabbiliti fl-Anness II ta' dan ir-Regolament."

- (2) L-Artikoli 3 u 5 jitħassru.

- (3) Fl-Artikolu 7, il-paragrafu 3 jinbidel b'dan li ġej:

"3. L-offerti jew l-applikazzjonijiet għal għajjnuna għall-ħżin privat għall-butir, it-trab tal-ħalib xkumat u l-ġobon għandhom jirrigwardaw il-prodotti li diġà tqiegħdu għalkollox fil-ħażna, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fir-Regolament tal-ftuħ tas-sejħa għall-offerti jew fir-Regolament li jistabbilixxi l-ammont ta' għajjnuna minn qabel."

- (4) Fl-Artikolu 15(1), il-punt (b) jinbidel b'dan li ġej:

"(b) li jitqiegħed u jinżamm fil-ħażna mill-anqas 99 %, rispettivament 90 % għall-prodotti tal-laħam, 98 % għaż-żejt taż-żebbuġa u 95 % għall-għaben, 97 % għat-trab tal-ħalib xkumat f'boroż kbar u 97 % għall-fibra twila tal-kittien, tal-kwantità fil-kuntratt għall-perjodu tal-ħażna miftiehem, bir-riskju għall-parti kontraenti skont it-tifsira tal-Artikolu 19 ta' dan ir-Regolament u skont il-kundizzjonijiet li jissemmew fl-Artikolu 22(1)(a) ta' dan ir-Regolament."

- (5) Fl-Artikolu 18(1), il-punt (b) jinbidel b'dan li ġej:

"(b) li jitqiegħed u jinżamm fil-ħażna mill-anqas 99 %, rispettivament 90 % għall-prodotti tal-laħam, 98 % għaż-żejt taż-żebbuġa u 95 % għall-għaben, 97 % għat-trab tal-ħalib xkumat f'boroż kbar u 97 % għall-fibra twila tal-kittien, tal-kwantità fil-kuntratt għall-perjodu tal-ħażna miftiehem, bir-riskju għall-parti kontraenti skont it-tifsira tal-Artikolu 19 ta' dan ir-Regolament u skont il-kundizzjonijiet li jissemmew fl-Artikolu 22(1)(a) ta' dan ir-Regolament."

(6) Fl-Artikolu 34(1), jiżdiedu s-subparagrafi li ġejjin:

“Għat-trab tal-ħalib xkumat f'borż kbar, l-għajnuna għandha titħallas għall-kwantità realment maħżuna diment li din ma tkunx tirrapreżenta inqas minn 97 % tal-kwantità miftiehma.

Għall-fibra twila tal-kittien, l-għajnuna għandha titħallas għall-kwantità realment maħżuna diment li din ma tkunx tirrapreżenta inqas minn 97 % tal-kwantità miftiehma.”

(7) L-Anness I jinbidel skont l-Anness I ta' dan ir-Regolament.

(8) L-Anness II jinbidel bit-test fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum mill-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Marzu 2014.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

ANNEX I

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 826/2008 għandu jiġi emendat kif ġej:

(1) Il-Parti II u l-Parti III jinbidlu b'dan li ġej:

"II. Il-ġobon b'DPO/IĠP

L-għajnuna għall-ħżin privat għandha tingħata biss għall-ġobon li jgawdi denominazzjoni protetta tal-orġini (DPO) jew indikazzjoni ġeografika protetta (IĠP) li meta jibda l-kuntratt tal-ħażna dan għandu jkollu età minima li tikkorrispondi għall-perjodu ta' maturazzjoni stabbilit fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott imsemmija fl-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*) għal dak il-ġobon kif se jiġi kummerċjalizzat wara l-ħażna skont il-kuntratt, u miżjud bil-perjodu ta' maturazzjoni lil hinn minn dan il-perjodu li jikkontribwixxi biex jiżdied il-valur tal-ġobon.

Meta perjodu ta' maturazzjoni ma jkunx stabbilit fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott imsemmija fl-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, meta jibda l-kuntratt tal-ħażna l-ġobon għandu jkollu età minima li tikkorrispondi għall-perjodu ta' maturazzjoni li jikkontribwixxi biex jiżdied il-valur tal-ġobon.

Barra minn hekk, il-ġobon għandu jkun konformi ma' dawn ir-rekwiżiti:

- (a) kull lott ikun jiżen mill-inqas tunnellata;
- (b) dan għandu jgħorri indikazzjoni b'linka li ma titħassarx, li tista' tkun b'kodiċi, tal-impriża li mmanifatturatu u bid-data tal-manifattura;
- (c) dan ikun iġorri id-data tad-dħul fil-ħażna;
- (d) dan jinħażen bħala ġobon sħiħ fl-Istat Membru fejn isir il-ġobon u li fih jikkwalifika li għandu denominazzjoni protetta tal-orġini jew indikazzjoni ġeografika protetta skont ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012; u
- (e) qabel, dan qatt ma kien soġġett għal kuntratt tal-ħażna.

L-Istati Membri jistgħu jwarrbu l-obbligu li l-ġobon ikun iġorri id-data tad-dħul fil-ħażna diment li sid il-maħżen ikollu reġistru li fih, fid-data tad-dħul fil-ħażna, iniżżel id-dettalji msemmija fit-tieni paragrafu.

III. Il-butir

L-għajnuna għall-ħżin privat għandha tingħata biss għall-butir li:

- (a) isir minn krema miksuba direttament u esklussivament mill-ħalib tal-baqra b'kontenut minimu ta' 80 % xaħam tal-ħalib, skont il-piż, u b'kontenut massimu ta' 2 % solidi tal-ħalib mhux xaħmin, skont il-piż, u b'kontenut massimu ta' 16 % ilma, skont il-piż;
- (b) isir f'60 jum qabel il-jum tal-applikazzjoni jew il-jum tal-preżentazzjoni tal-offerta; u
- (c) għalih, l-għadd minimu għall-applikazzjonijiet jew għall-offerti għal għajnuna jkun 10 tunnellati.

Mill-anqas, il-pakkett tal-butir għandu juri dawn id-dettalji li ġejjin, li jistgħu jkunu b'kodiċi, meta xieraq:

- (a) in-numru li jidentifika l-fabbrika u l-Istat Membru tal-produzzjoni;
- (b) id-data tal-produzzjoni;
- (c) id-data tad-dħul fil-ħażna;
- (d) in-numru tal-grupp ta' produzzjoni;
- (e) il-piż nett.

L-Istati Membri jistgħu jwarrbu l-obbligu li l-pakkett ikun iġorri id-data tad-dħul fil-ħażna diment li sid il-maħżen ikollu reġistru li fih, fid-data tad-dħul fil-ħażna, iniżżel id-dettalji msemmija fit-tieni paragrafu.

(*) Ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel (ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1)."

(2) Jiżdiedu l-Parti V u l-Parti VI:

“V. It-trab tal-ħalib xkumat

L-ghajjnuna għall-ħżin privat għandha tingħata biss għat-trab tal-ħalib xkumat magħmul mill-ħalib tal-baqra li:

- (a) ma jkunx fih aktar minn 1,5 % xaħam u 5 % ilma u b'kontenut ta' proteina ta' materja xotta bla xaħam ta' mill-anqas 34 %;
- (b) isir f'60 jum qabel il-jum tal-applikazzjoni jew il-jum tal-preżentazzjoni tal-offerta;
- (c) jinħażen f'boroż b'kontenut nett ta' 25 kg jew f'boroż kbar' li ma jiżnux aktar minn 1 500 kg li tal-inqas juru dawn id-dettalji li ġejjin, li jistgħu jkunu b'kodiċi, meta xieraq:
 - (i) in-numru li jidentifika l-fabbrika u l-Istat Membru tal-produzzjoni;
 - (ii) id-data tal-produzzjoni;
 - (iii) id-data tad-dħul fil-ħażna;
 - (iv) in-numru tal-grupp ta' produzzjoni;
 - (v) il-piż nett; u
- (d) għalih, l-għadd minimu għall-applikazzjonijiet jew għall-offerti għal għajjnuna jkun 10 tunnellati.

L-Istati Membri jistgħu jwarrbu l-obbligu li l-pakkett ikun iġorr id-data tad-dħul fil-ħażna diment li sid il-maħżen ikollu reġistru li fih, fid-data tad-dħul fil-ħażna, iniżżel id-dettalji msemmija fl-ewwel paragrafu.

VI. Il-fibra twila tal-kittien

L-ghajjnuna għall-ħżin privat għandha tingħata biss għal fibra twila tal-kittien li tinkiseb b'separazzjoni sħiħa tal-fibri u tal-partijiet tal-għuda taz-zokk li jkollhom mill-anqas medja ta' 50 cm tul, wara li jiġu mimxuta u rranġati f'fili paralleli f'munzelli, folji jew filaturi u li għaliha l-kwantità minima għall-applikazzjonijiet jew għall-offerti għal għajjnuna tkun 2 000 kg.

Il-fibra twila tal-kittien għandha tinħażen f'balal li fuqhom jista' jkollhom kodiċi, meta xieraq:

- (a) in-numru li jidentifika l-fabbrika u l-Istat Membru tal-produzzjoni;
 - (b) id-data tad-dħul fil-ħażna;
 - (c) il-piż nett.”
-

ANNEX II

“ANNEX II

Il-butir għandu jsir minn krema miksuba direttament u esklussivament mill-ħalib tal-baqra magħmul fl-Unjoni. It-trab tal-ħalib xkumat għandu jsir minn ħalib tal-baqra magħmul fl-Unjoni.

Il-konformità mal-ewwel paragrafu tista' tintwera bi prova li l-butir jew it-trab tal-ħalib xkumat sar f'impriża approvata skont il-punt 1(a), (b) u (c) tal-Parti III tal-Anness IV tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1272/2009 ⁽¹⁾ jew b'xi prova xierqa oħra li turi konformità mal-ewwel paragrafu.”

⁽¹⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1272/2009 tal-11 ta' Diċembru 2009 li jistabbilixxi regoli komuni dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 f'dak li għandu x'jaqsam max-xiri u l-bejgħ ta' prodotti agrikoli taħt intervent pubbliku (ĠU L 349, 29.12.2009, p. 1).